**Dawk għajnejk Lien**

Waqt is-salut tal-festa tiegħek
Ħriġt hawn barra ħa nsellimlek,
Naf li f'qalbi xerridt id-demgħa
Fommi lilek dlonk tbissimlek.

Jien u niftakar fik O Lieni
Inħares niġri lejn għajnejk,
Kemm huma sbieħ, kollhom imħabba
Nixtieq biss li nintasab ħdejk.

Dawk għajnejk mimlija bil-ħniena
Lejn il-fqir u minn spiċċa b'xejn,
Kemm farrġu nies b'qalbhom miskura
Fejn ħaddieħor baqa' għaddej.

Il-ħarsa tagħhom penetranti
Tmiss il-ġrieħi tal-muġugħin,
L-għemejjel kbar l'għamilt O Lieni
Bihom fil-ġenna n-nies telgħin.

Fl-imkejjen imqaddsa tal-fidwa
Inti bnejt bil-bosta knejjes,
Biex lil Kristu int tagħti qima
Għalihom ħriġt ħafna flejjes.

Għajnejk ħelwa ta' mara safja
Li bqajt fidila lejn żewġek,
Anki meta biddlek ma' oħra
Nifidlek qalbek u ħwejjġek.

Għajnejk ta' omm li tat minn kollox
Biex trabbi lil Kostantinu,
X'ma għamiltx għalih O ħelwa Lieni
Għetnu jagħmel kollox f'ħinu.

U meta l-grazzja t'Alla fuqek
Mexxitek lejn Sidna Ġesù,
Kemm sbieħu aktar għajnejk fini
Għax issa imtlew bil-virtù.

Urejtni wisq f'ħajtek l-għażiża
Kemm għanjejk jaqtgħu bħal xafra,
Mhux biss jitħallsu bil-vendetta
'Mma kemm jafu jxerrdu l-maħfra.

F'dan il-jum tal-festa mill-isbaħ
Ħdejk jintasab il-Patri, jien,

Mgħannaq f'dirgħajk bid-dmugħ f'għajnejja
Qed ngħidlek: "Sbieħ dawk għajnejk Lien".

Patri Mario Attard OFM Cap
17 t'Awwissu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.